**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Frar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1059/2015 AF**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**

**vs**

**Joseph Caruana Curran fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' kummercjali Meat and Spice Co. Ltd (C13858) in rapprezentanza tal-istess**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Kliema li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjeta' Meat and Spice Co. Ltd (C13858) bejn il-11 t'Ottubru, 2001 u l-11 t'April 2002 kienet xtrat provvista ta' laham tac-canga minghand il-biccerija li dak iz-zmien kienet taqa' taht id-Divizjoni ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd u dan taht kuntratt li kienet hadet permezz ta' *tender;*

It-*tender* illi kienet hadet is-socjeta' intimata kien relatat mal-hekk imsejjha *Beef Intervention Scheme* li kienet skema introdotta fl-1989 fejn permezz taghha canga li ma tkunx inbieghet kienet tinxtara mill-Gvern li kien imbaghad ibieghha lil kumpaniji fl-industrija tal-ipprocessar permezz ta' *tenders;*

Is-socjeta' intimata kienet inghatat *tender* sabiex tixtri l-imsemmi lahan tac-canga prodott mill-Beef Intervention Scheme fid-29 ta' Dicembru, 2000 ghall-prezz ta' Lm0.710 fil-kilo ghall-perjodu ta' sena li kienu jibdew minn Jannar 2001;

Globalment din il-provvista ta' laham li nxtrat mis-socjeta' intimata kienet tiswa tmenin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm80,525.51) li f'Ewro jammontaw ghal mija, sebgha u tmenin elf, hames mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu (€187,573.98);

Is-socjeta' Meat and Spice Co. Ltd kienet inadempjenti fil-hlas ta' tali provvista ta' laham u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi b'ittri interpellatorji u ufficjali;

Tali inadempjenza irrizulta f'arretrati tal-ammont indikat fis-suespost li kienu dovuti lid-Divizjoni ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd;

Ghalhekk id-Divizjoni msemmija kienet intavolat kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jirkupra l-ammont dovut[1].

Il-kawza msemmija kienet giet ceduta u dan peress illi fil-mori tal-kawza senjatament fl-4 ta' Frar, 2009 kien intlahaq ftehim bejn is-socjeta' intimata u d-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji li kien is-successur tad-Divizjoni ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd u li tahtu kienet taqa' l-biccerija (kopja tieghu qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok SP1);

---

- [1] Direttur Generali Divizjoni ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd vs Socjeta' Meat and Spice Co. Ltd (C13856) Rikors Numru 919/2006AF.

Sussegwentement il-biccerija li kienet taqa' taht id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji ghaddiet fil-mansjonijiet tar-rikorrent Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-klima u ghadha tahtu sallum. Id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji ukoll jaqa' taht il-mansjonijiet tal-istess Segretarju Permanenti;

Permezz tal-imsemmi ftehim tal-4 ta' Frar, 2009, is-socjeta' intimata irrikonoxxiet illi hija debitrici tad-Dipartiment tal-Veterinarja fis-somma ta' mija, sebgha u tmenin elf, hames mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu (€187,573.98) u l-partijiet qablu illi s-socjeta' intimata kellha thallas dan l-ammont f'pagamenti mensili fuq perjodu ta' ghaxar snin kif stipulat fl-istess ftehim;

Il-partijiet qablu wkoll illi jekk is-socjeta' intimata tonqos milli teffettwa xi pagament fi zmien gimgha wara li l-Ewwel Parti tinterpellaha sabiex jaffettwa dan il-hlas, l-ammont kollu jigi dovut u s-socjeta' intimata titlef il-koncessjoni lilha moghtija u cioe' il-koncessjoni li l-ammont jithallas f'pagamenti mensili;

Is-socjeta' intimata onorat l-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim imsemmi fl-ewwel u t-tieni sena u cioe' fil-perjodu ta' bejn Marzu 2009 u Frar 2011. Pero' fit-tielet sena hallset ammont anqas minn dak miftiehem u dan ghaliex minn Marzu sa Settembru tas-sena 2011 baqghet thallas l-ammont ta' €700 minflok l-ammont ta' €1,000 u sussegwentement ma hallsitx aktar u fis-snin ta' wara ma ghaddiet l-ebda pagament lid-Dipartiment u dan a kuntrarju ta' dak li kien gie pattwit;

Ghalkemm interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittri ufficjali, s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

B'kollox is-socjeta' intimata hallset biss l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u seba' mitt Ewro (€21,700) u ghaldaqstant ghadha debitrici tal-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima fis-somma ta' mija, hamsa u sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu (€165,873.98), liema ammont jirraprezenta dejn cert, likwidu u dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent jaf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi fil-fehma tar-rikorrenti s-socjeta' intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq fil-konfront tal-fatti kif spjegati mir-rikorrenti kif ukoll rigwardanti t-talbiet attrici.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici tad-Dipartiment tar-Regolazzjoni tal-Veterinarja u s-Sahha tal-Pjanti fl-ammont ta' mija, hamsa u sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu (€165,873.98) flimkien mal-imghax legali fil-konfront tar-rikorrenti;

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju thallas lir-rikorrenti l-ammont suespost flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali 1730/15 datata 13 ta' Mejju, 2015.

Rat id-dokument anness.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar, 2016 fejn Dr. Abigail Caruana iddikjarat illi f'dawn il-proceduri Joseph Caruana Curran qed jigi mharrek limitatament in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Meat and Spice Company Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tilqa' l-ewwel talba;

Tilqa' t-tieni talba;

Tilqa’ t-tielet talba kif dedotta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph Caruana Curran fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur tas-socjeta’ kummercjali Meat and Spice Co. Ltd.

IMHALLEF

DEP/REG